MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Numru. 23/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

Carmel Galea ta' 50 sena, iben Michael Angelo u Carmela nee' Farrugia, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-24 ta' Ottubru 1958, residenti fil-fond Nru. 101, Triq Sant'Anton, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita' 54958(G)

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Carmel Galea li gie akkuzat talli nhar is-17 ta' Marzu 2009, u fil-granet ta' qabel gewwa n-Xaghra, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, b'diversi atti anke jekk maghmulin

fi zminijiet diferenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Talli: ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kelhom jippruvaw, u cioe' numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra IBA262;

2) Talli: sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta' vettura jaqra IBA262;

3) U aktar talli: sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu minn road licence bin-numru tar-IBA262 u bin-numru tar-referenza F396124;

4) U talli: fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xtentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi pproduca numru tar-registrazzjoni falz ta' vettura jaqra IBA262;

Rat l-akkuzi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-kunsens ta-Avukat Generali datat 8 ta' Mejju, 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat illum seduta stante, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak li ghamel;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 183 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel tliet (3) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dana peress illi r-raba' (4) akkuza giet moghtija bhala kap alternattiv u ghalhekk qed jigi liberat minnha, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor f'dan iz-zmien kundizzjonat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------